

# FUQ IL-LANT

Public Works
Department

HARĠA NRU.9
DIĊEMBRU 2023

## F' DIN IL-ĦARĠA...


- MESSAĠĠ MILL-MINISTRU
- MESSAĠĠ MIS-SEGRETARJU PERMANENTI
- MESSAĠĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI
- AĦBARIJIET:
  - KOLLEZZJONI TA' BOLOL PERSONALIZZATI GĦAL FUNTANA TAT-TRITONI
  - IL-MITĦNA TAX-XAROLLA: SNIN TA' STORJA U XOGĦLIJIET
  - L-IMMODERNIZZAR TAL-ARKIVJU
  - IX-XOGĦOL TAL-MSD
- INIZJATTIVI TAS-SOCIAL COMMITTEE


## MESSAĠĠ MILL-MINISTRU STEFAN ZRINZO AZZOPARDI



Għeżież,

Hekk kif wasalna fl-aħħar xahar tas-sena ma nistax ma nesprimix is-sodisfazzjon tiegħi għax-xogħol siewi li sar mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi tul is-sena 2023.

Din is-sena sar xogħol estensiv ta' tisbiħ u riġenerazzjoni f'diversi lokalitajiet fosthom fl-Imdina, San Ġwann, Birżebbuġa, in-Naxxar, ir-Rabat u Baħar iċ-Ċagħaq. Tlestew ix-xogħlijiet fuq il-bandli tal-Imdina, iż-żona issa tinsab mgħammra b'bandli ġodda u faċilitajiet moderni li se jżidu l-effiċjenza fl-enerġija.

Din is-sena ġie ffirmat ukoll Memorandum of Understanding bejn id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa biex jittranġa Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa. Ġie iffirmat ukoll Memorandum of Understanding bejn id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Kunsill Lokali ta' San Ġwann biex jitranġa Ġnien George Zarb u qed isir ukoll xogħol fi Ġnien is-Serenità f'Santa Luċija.

Din is-sena ġew inawgurati fost l-oħrajn Ġnien Bir l-Iljun fir-Rabat u spazju miftuħ f'Baħar iċ-Ċagħaq. Fiż-żmien li ġej mistenni jkun konkluż ukoll ix-xogħol fuq il-car park tal-Park Nazzjonali ta' Malta u titlesta' l-concert area.

Proġett li sar mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi din is-sena huwa r-restawr u r-rikostruzzjoni tal-Mitħna tax-Xarolla fiż-Żurrieq għall-istat oriġinali tagħha. Barra minn hekk, tlesta x-xogħol ta' pavimentar fi Triq Manoel de Vilhena fil-Gżira u sar koordinazzjoni ta' tindif ta' storm water culverts. Din is-sena tlesta l-bini ta' sistema ta' stormwater culverts fiż-Żurrieq biex tiġi indirizzata l-problema tal-għargħar fiċ-ċentru taż-Żurrieq u l-madwar.

Nixtieq nirringrazzja lill-ħaddiema kollha tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi tal-impenn u d-dedikazzjoni tagħkom. Ħidma li qed issarraf f'lokalitajiet isbaħ u kwalità ta' ħajja aħjar għar-residenti tagħna.

Il-Milied it-tajjeb u s-sena t-tajba.

## MESSAĠĠ MIS-SEGRETARJU PERMANENTI, CARLOS TABONE



Tmiem is-sena ġġib magħha riflessjonijiet dwar il-ħidma li twettqet u dik ippjanata għaż-żmien li ġej. Żgur huwa li matul l-2023 b'sodisfazzjon, wieħed jista' jħares lura u japprezza l-ħidma li saret mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, kemm f'termini ta' proġetti fil-komunità kif ukoll l-investiment li sar fit-tisħiħ tal-istruttura amministrattiva fi ħdan l-istess Dipartiment.

Din il-ħidma se tkompli tibni fuq dak li sar fi snin preċedenti. Ħidma, intenzjonata sabiex tkompli ġġedded l-operat u tqarreb lid-Dipartiment lejn prattiċi moderni, effiċjenti u effettivi, fil-mod dwar kif jitfasslu l-proġetti u jiġu esegwiti.

Is-sena 2024 se ġġib magħha numru ta' sfidi. Għaldaqstant importanti l-kontribut tagħkom il-ħaddiema sabiex b'mod koordinat u kollettiv, negħlbu dawn l-isfidi flimkien u nsarrfuhom f'aktar ħidma, ambizzjoni u suċċessi, għal ġid tal-klijenti tagħna u s-Servizz Pubbliku.

Nieħu din l-opportunità sabiex nawgura lilkom u lill-għeżież tagħkom il-Milied u s-sena t-tajba.

## MESSAĠĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI TAD-DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI, IL-PERIT STEPHEN BONELLO



Nixtieq nibda dan il-messaġġ tiegħi fl-okkażjoni ta' dawn il-festi tal-Milied billi nesprimi r-ringrazzjament tiegħi mill-qalb lil kull wieħed u waħda minnkom, ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-ħidma tagħkom matul din is-sena kienet eżempju ta' impenn sabiex il-proġetti ta' dan id-Dipartiment jilħqu l-milja tagħhom. Bosta mill-proġetti li ħdimna fuqhom din is-sena diġà qed jitgawdew mill-pubbliku, u dan huwa ta' sodisfazzjon kbir għalina. L-attenzjoni u l-impenn tagħkom sabiex twettqu l-ħidma tagħkom, xi drabi f'ċirkustanzi diffiċli, hija apprezzata ferm.

Waqt li għandna nkunu kburin bl-impatt li qed ikollu x-xogħol tagħna fuq il-ħajja tan-nies, nagħmlu kuraġġ u nkunu determinati ħalli s-sena d-dieħla nwettqu aktar ħidma għall-ġid tal-pubbliku. Fl-isfond ta'dan, minn qalbi nixtieq nawgura lilkom u lill-familji tagħkom l-isbaħ xewqat għal Milied ħieni u għal sena ġdida mimlija risq u saħħa.

# KOLLEZZJONI TA' BOLOL PERSONALIZZATI GĦAL FUNTANA TAT-TRITONI

Waħda mill-iktar binjiet importanti li għandna f'Malta hija mingħajr dubju l-Funtana tat-Tritoni. Fotoġenika u tiġbed l-għajn int u dieħel il-Belt, bi preċiżjoni arkitettonika u matematika liema bħalha u għax miżmuma fl-aqwa kundizzjoni possibbli. Għaddew diġà ħames snin mit-tlestija tar-restawr tagħha u għadha fl-aqwa tagħha bħal dak il-jum storiku li fih kienet inawgurata.

Għal dan il-għan id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi nieda kollezzjoni ta' sett bolol personalizzati biex ifakkar il-ħames snin ħidma li għaddew. B'ritratti artistiċi tal-fotografu Daniel Cilia, dawn il-bolol jagħtu ħarsa ċara ta' dawn l-aħħar ħames snin f'kull aspett arkitettoniku tal-funtana. Biex nassiguraw li l-ħtiġijiet ta' dan il-monument ikunu salvagwardjati l-ħin kollu, il-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar ħatar lis-Sur Kenneth Cauchi bħala l-ewwel Kuratur tagħha. Is-Sur Cauchi, li kien strumentali fiż-żmien tar-restawr tal-Funtana, ipprovda lid-Dipartiment disinn ta' waħda mill-weraq stilizzat skolpit fit-travertin bejn l-1956 u l-1958 mill-bravi marmisti ta' Montecatini f'Carrara. F'dan id-disinn, mix-xellug għal-lemin, wieħed josserva tħażżiża preliminari bit-teknika tal-lapes sangwin li bil-mod, permezz tal-kuluri bl-akkwarell, jgħaddi għal preżent.

Mit-tlestija tagħha fl-1959 lil hawn, il-Funtana tat-Tritoni dehret darba biss fuq bolla maħruġa fl-2013.

Il-proġett tar-restawr tagħha ma kienx biss bżonnjuż biex ireġġa d-dinjità mitlufa tagħha, imma strateġikament immirat biex jistabbilixxieha bħalha l-iprem ikona turistika u monumentali ta' pajjiżna.

Kemm mal-bini tagħha fis-snin ħamsin, kif ukoll fuq pariri tal-Inġiniera Brian Cauchi u Conrad Casha mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi (PWD) matul it-tfassil tal-proġett riċenti tar-restawr, inbniet infrastruttura sotteranja biex jinħoloq u jiġi mwettaq pjan impenjattiv li jkopri ż-żamma tal-funtana f'kundizzjoni perfetta flimkien mas-servizzi mekkaniċi u elettriċi tagħha li tista' tgħid huma ħajjitha.

Kopja ta' dawn il-bolol tista' tinxtara mill-Arkivju tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Għal iktar informazzjoni wieħed jista' jibgħat email fuq archives.pwd@gov.mt jew iċempel fuq 2292 2292.






# IL-MITĦNA TAX-XAROLLA: SNIN TA' STORJA U XOGĦLIJIET

Matul ix-xahar ta' Novembru, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi tella' esebizzjoni ta' ritratti u informazzjoni fil-Mitħna tax-Xarolla biex ifakkar li għal dawn l-aħħar diversi snin, il-manutenzjoni u x-xogħlijiet li kien hemm bżonn dejjem saru minn dan id-Dipartiment. Fost is-snin fejn sar dan ix-xogħol jinkludu l-1978, l-2002 u riċentament fl-2023. Il-mastrudaxxi ta' dan id-Dipartiment permezz tad-Direttorat tal-Manifattura u s-Servizzi kienu responsabbli mix-xogħol tal-injam tagħha u taż-żona li tinsab fiha din il-Mitħna.



# L-IMMODERNIZZAR TAL-ARKIVJU

Il-Policy tal-Arkivju tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi għandha tipprovdi qafas għall-immaniġġjar tar-rekords tal-Arkivji, biex issostni t-tmexxija tagħha u ż-żamma tal-materjal li għandu dan l-Arkivju. Din il-policy tapplika għar-rekords kollha li nħolqu, dawk li l-Arkivju rċieva, u dawk miżmuma. Dawn ir-rekords huma aċċessibbli mill-impjegati tal-Arkivju tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, u kuntratturi, voluntiera, u l-pubbliku jista' jingħata aċċess billi jagħmel talba online fuq is-sit tad-Dipartiment.



Tfasslet ukoll standard operating procedure biex it-tpinġijiet tad-Dipartiment ikunu preservati f'repożitorju uniku u t-tpinġijiet tal-proġetti jkunu disponibbli wkoll għall-pubbliku ġenerali. Dan għal skopijiet ta' riċerka u edukazzjoni, (b'aċċess biss għall-qari u skont il-klassifikazzjoni tal-istess disinji).

Il-PWD fassal ukoll proċedura interna li tapplika għall-impjegati kollha involuti fl-amministrazzjoni, l-iskennjar, u l-arkivjar tal-pjanti fi ħdan it-Taqsima tar-Rekords u l-Arkivji.

# IX-XOGĦOL TAD- DIRETTORAT TAL-MANIFATTURA U S-SERVIZZI



*Raymond Caruana, Direttur MSD*

Id-Direttorat tal-Manifattura u s-Servizzi, magħruf ukoll bħala l-garaxx tal-Gvern, huwa l-uniku post fis-Servizz Pubbliku li jiġbor fi ħdanu numru sabiħ ta' snajja. Il-parti l-kbira tas-snajja huma tradizzjonali, madankollu matul l-aħħar xhur komplejna nżidu mal-portafoll biex niddiversifikaw is-servizzi offruti kemm lill-Ministeru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar kif ukoll lill-Ministeri, dipartimenti u entitajiet oħra.

Fost is-snajja li nsibu fil-garaxx għandna l-ħaddieda, il-mastrudaxxi u tal-aluminju, it-tlieta li huma prinċipalment involuti fil-manifattura u twaħħil, għalkemm dawn jagħmlu wkoll il-manutenzjoni ta' xogħlijiet u proġetti li jkunu saru fil-passat.

Is-snajja involuti fis-servizzi huma tal-air conditioning, funtani, plumbing, electricians, traffic lights, belisha lights, tal-maintenance u riċentement żdiedu wkoll tal-electronics. Il-Koperattiva tat-tabelli u s-sinjali hija wkoll parti mil-garaxx.

Id-Direttorat għandu wkoll sezzjonijiet ta' sapport intern bħal dawk tal-administration, job control, revenue, stores u purchasing u dawk li jagħtu s-servizz tagħhom lil flotta tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, bħall-mekkaniks u l-electricians tal-karozzi u tal-vetturi kbar, sprayers u panel beaters, il-fleet management u l-fuel station.

Ħafna mix-xogħol li jsir mil-MSD jitgawda mill-pubbliku, bħala eżempji nsibu l-manutenzjoni tal-Mitħna tax-Xarolla, id-dwal u l-plumbing fl-ispazji pubbliċi, il-poġġaman li tlesta max-xatt tal-Isla u dak li għadu qed jinbidel fix-xatt tax-Xgħajra. Insibu wkoll tisbiħ tal-funtani, l-armar tal-bnadar għall-festi pubbliċi u ż-żjarat statali, it-tiswija tat-traffic lights u l-belisha lights, u l-armar ta' chain fence.

Hemm ukoll xogħlijiet li ma jitgawdewx mill-pubbliku iżda huma daqstant importanti li jitwettqu fil-binjiet pubbliċi, bħal tiswija ta' cameras tas-sigurtà, charging points tal-vetturi elettriċi u power tools, tiswija tal-air conditioners u manutenzjoni regolari ta' stallazzjonijiet tal-elettriku u tal-ilma.





# INIZJATTIVI TAS-SOCIAL COMMITEE MPWP

## THINK PINK WEAR PINK




Inizjattiva għal ħaddiema kollha biex jilbsu r-roża u jagħtu donazzjoni volontarja

## TAĦDITA GĦAL IKTAR GĦARFIEN FUQ IL-KANĊER TAS-SIDER




Ms Elaine Borg, li hija kirurgu speċjalizzata fuq is-suġġett spjegat kif wieħed jeżamina lilu nnifsu, kif jagħraf sinjali u xi trattamenti jeżistu għall-kanċer fis-sider.

## KAMPANJA TA' 16-IL JUM T'ATTIVIŻMU FUQ IL-VJOLENZA ABBAŻI TAL-ĠENERU



Kienet organizzata taħdita mal-ħaddiema tad-Dipartiment u l-bqija tal-ħaddiema tal-Ministeru fejn ingħatat iżjed informazzjoni kif għandna niddentifikaw vittmi ta' abbuż u li qed jgħixu fis-silenzju.

## MOVEMBER TOURNAMENT




F'Novembru, b'rabta mal-kampanja Movember, id-Dipartiment ipparteċipa f'tournament ta' logħob tal-futbol friendly organizzat mill-Ministeru. Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi ġie t-tieni post.